MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 90

**11 ta' Frar 2019**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg – Viċi Sindku
Michael Fenech Adami - Kunsillier
Anthony Buttigieg – Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja – Kunsillier
John Mizzi – Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier
Antoine Attard – Kunsillier
Owen Patrick Attard - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Kaylocke Buhagiar – Kunsillier
Herbert Conti – Kunsillier
John Borg - Kunsillier

**ASSENTI**
Mark George Abdilla - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera s-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur John Mizzi, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Antoine Attard, u s-Sur Owen Patrick Attard.

F’waqtiet f’din il-laqgħa kienu preżenti wkoll il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill is-Sur Christian Vella u s-Sur Sean Fitz li għandu l-kjosk l-istazzjon.

**90.1 Qari ta’ l-ittri ta’ apoloġiji**

90.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta’ filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

90.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva tliet ittri ta’ apoloġiji, tas-Sinjuri Kaylocke Buhagiar u John Borg li nqabdu xogħol u tas-Sur Herbert Conti li kien imsiefer. Il-Kunsill aċċetta l-apoloġiji.

**90.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta’ Minuti**

90.2.1 Il-minuti tal-laqgħa numru 89 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija

90.2.2 Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsilliera s-Sur Anthony Buttigieg u s-Sur Owen Patrick Attard, il-minuti tal-laqgħa numru 89 ġew approvati bħala dokumenti korretti.

**90.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

90.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi fis-27 ta’ Marzu se jiġi inawgurat il-proġett ta’ Ġnien Stazzjon mill-Prim Ministru.

**90.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

90.4.1 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi xi ħadd għamel vendikazzjoni ħdejn il-mitħna, intefa’ żejt u nqatlu xi pjanti. Is-Segretarju ħa nota biex jinbidlu.

90.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit qalet illi fil-garaxx tal-kunsill hemm sprall li qed iħabbat u saqsewha xi residenti ġirien biex isir xi ħaġa. Is-Segretarju se jara li ssirlu xi lasktu.

90.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi qed jitolbuh ‘no objection’ min-naħa tagħna dwar il-*performance appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv tas-Swatar, fuq il-formula ta’ kif tħallas is-sena l-oħra u ma kienx hemm oġġezzjoni.

90.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li hija prassi illi fl-aħħar tliet xhur ta’ leġislatura ta’ Kunsill ma jinbdewx proġetti ġodda. Qal li flok jgħaddi mozzjoni formali ried li jkun hemm qbil fuq dan peress li hekk kien ġara meta kien Sindku hu. Kien hemm diskussjoni għax ma kienx hemm qbil ċar. Il-kunsillier is-Sur Michael qal li se jressaq mozzjoni formali bil-*wording* eżatt ta’ kif kien sar meta kien Sindku hu.

90.4.5 Il-Kunsillier is-Sur John Mizzi qal li fi triq il-kbira għadna bi problema bil-pavvimentar. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li hemmhekk trid tinqala triq kollha billi hemm drenaġġ imkisser. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi l-ħofor qed jiġu mtellgħin ftit ftit kull meta nsibu kuntratturi *available*.

90.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami saqsa x'kienet il-problema ma' monita. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi ġie xi ħadd għandha li xtara r-Roxy u qed jgħid li l-bibien tiegħu għandhom jiftħu fuq l-istazzjon. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-ftehim kien jirrigwardja s-servitu, passaġġ fejn hemm il-ħamrija, biex titla' grada u huma jiftħu t-twieqi għal fuq l-istazzjon pero mhux bibien. Ta' Monita kienu ħallsu 43,000euro imma kif ilestu l-proġett tagħhom jibdew jieħdu ħsieb il-manteniment tal-ġnien. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi apparti li għaddejna l-fajl lill-avukat tal-Kunsill, qalet lil min kellimha li mill-istazzjon ma jidħlux, u qalet ukoll li jekk jerġgħu jiġu jkellmuha, iġġibhom fil-laqgħa tal-Kunsill.

**90.5 Rapporti Bord Evalwazzjoni**

90.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport tal-bord ta' evalwazzjoni BLC1-2019 (*Professional Services of a Contract Manager for the collection of household waste*). Kien hemm konkorrent wieħed, Synthesis, u ġie deċiż li kellu kollox *in order*. Il-kunsill qabel b'mod unanimu. Fuq suġġeriment tal-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami, se niltaqgħu mal-kuntrattur biex jiżgurana li għandu biex jaħdem u li mhux okkupat b'tenders ta' *Contracts Management* oħra. Fil-każ immexxu.

90.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport tal-bord ta' evalwazzjoni BLC12-2018 li jitratta s-*soft areas*. Kien hemm żewġ konkorrenti, l-irħas li tefa' kien Carmelo Gauci u għalhekk kien hemm qbil unanimu li t-tender jingħata lilu.

90.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-ħsibijiet tal-bord ta' evalwazzjoni dwar tender BLC2-2019 – restawr tal-aperturi ta' l-injam ta' l-istazzjon tal-ferrovija (ERDF). Peress illi tefgħet biss kumpanija waħda għall-prezz ta' 98,500 euro, (AMC Restoration Ltd) u b'hekk inqabeż il-*budget* allokat, il-bord irrakomanda li t-tender ma jiġix *awarded* qabel ma jkollna konferma li l-PPCD tista' tkoprina bil-fondi neċessarji. Hawnhekk żvolġiet diskussjoni dwar il-proġett tal-ferrovija. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi l-proġett ġa kien ġie rifjutat darbtejn fi żmienu. Apparti minn hekk huwa qal li l-aperturi mhumiex ta' l-epoka u kienu nbidlu fi żmien li saret ic-*childcare*. Is-Sindku qalet li la nkunu koperti bil-flus Ewropej il-proġett għandu jibqa' għaddej.

(Peress li l-konsulent finanzjarju kien għadu ma wasalx, ġiet sospiża l-aġenda u item 90.6 ġie pospost għal iktar tard)

**90.7 Isem għal triq ġdida wara Triq Gazzija**

90.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi parti mit-triq Gazzija, fejn kienet għadha miex imsemmija, u fejn issa hemm garaxxijiet, kellu talba mill-*istreet naming committee* x' se nsemmuha. Kien hemm qbil illi din tibqa' magħrufa bħala Triq Gazzija peress li tkompli magħha. Il-Kunsill se jikteb ukoll lill-entitajiet biex jaħsbu għas-servizzi kollha ħalli ma jkunx hemm problemi aktar tard.

**90.8 Attivitajiet – Ġnien Stazzjon**

90.8.1 Is-Sur Sean Fitz li qed imexxi l-kjosk fl-istazzjon qal illi ħarġu bl-ideja ta' *food stalls* ħalli jersqu iktar nies lejn l-istazzjon. Fuq mistoqsija tal-kunsillier is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur Fitz qal li dawn qed jipproponuhom mal-ġnien kollu, mhux quddiem biss. Fuq mistoqsija tal-Kunsillier John Mizzi, is-Sur Fitz qal li dawn jibdew isiru kull *weekend*. Is-Sur Fitz qal li l-*hassles* li kellna fil-bidu ta' nies jittaqbu u jieħdu d-drogi, issa għelibnihom, anke għall-karnival se jġib xi *maskots*. Rigward il-

*food stalls*, il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami ġibed l-attenzjoni li minħabba t-tender, mhux legalment possibbli li l-kunsill jagħti d-dritta perpetwa għal *food market*, minħabba li t-tender kien biss għal kjosk. Kieku jqumu l-irwiefen għax tidħol l-għira minn min ma applikax għax ħaseb li kien biss kjosk. Il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg qalet li f'laqgħat preċedenti ġa konna ftehmna li jkollu d-dritta li jorganizza attivita' fix-xahar. Fuq din kien hemm qbil. Is-Sindku qalet illi *one offs* diġa' konna tkellimna għax japplikaw ir-rati kummerċjali skont il-*bye law* imma għal dejjem le u se jintalab parir legali.

**90.9 Varjanza Kuntratt Ġbir ta' Skart**

90.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li irċieva ittra mingħand il-kuntrattur WM Environmental fejn dan qed jitlob varjanza ta' 5% fil-kuntratt minħabba li hu għadu qed jiġbor ammonti kbar ta' skart minn skejjel u ħwienet meta l-kuntratt li għandu hu biss ta' *household waste*. Il-Kunsill iddiskuta u ma kienx hemm oġġezzjoni li tiġi ffirmata din il-varjanza.

**90.6 Rapporti Finanzjarji – għeluq is-sena 2018**

90.6.1 Il-konsulent finanzjarju tal-Kunsill beda jippreżenta l-ewwel draft tal-*financial statements* tas-sena li għaddiet. Hawnhekk żvolġiet diskussjoni dwar il-proċedura. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal illi s-soltu rappreżentanti tal-partiti jkollhom laqgħa ma' l-*accountant*. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li hi qatt ma żammet lil ħadd u ma hi se żżomm lil ħadd milli jitkellem mas-Sur Vella dwar il-finanzi. Il-konsulent is-Sur Vella qal li għalissa l-figuri mhumiex importanti għax dawn għad iridu jiġu awditjati. Għalhekk dan huwa biss abbozz. Huwa kompla biex ta xi dettalji dwar ir-rapport.

90.6.2 Id-dħul totali tal-kunsill kien ta' 1.8 miljuni, u l-infiq rikorrenti kien ta' 1.6 miljun. L-ispejjeż kapitali telgħu għal 1.2 miljuni.

90.6.3 Rigward id-dħul mill-panelli ġie deċiż li jitqabbad inġinier biex jiċċertifikahom u naraw li kollox qed jaħdem sew inkella nerġgħu naraw x'jinvolvi biex nagħmlu r-rapporti *live*.

Fis-7.02pm telaq mill-kamra l-kunsillier is-Sur Antoine Attard li talab li jkun skużat.

Kompliet diskussjoni u ssemmew xi temi per eżempju fuq il-firmatorji tal-proġetti ta' l-Unjoni Ewropea.

Fis-7.14pm ħarġu mill-kamra l-Kunsilliera s-Sinjuri Michael Fenech Adami, Marie Claire Zammit u John Mizzi.

Ma kienx hawn kworum u l-kamra ġiet aġġornata. L-items fuq l-aġenda 90.6, 90.10 u 90.11 se jitilgħu fil-laqgħa li jmiss skont l-ordnijiet permanenti.

Konfermati, illum 26 ta' Frar 2019.

IFFIRMATI

| | |
|---|---|
| Joanne Debono Grech | Neil Spiteri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |